

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ġunju 2009

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

(2009/513/KE)

IL-KUNSILL tal-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;
- (2) Il-Kummissjoni nnegozjat fisem il-Komunità Ftehim mar-Repubblika tal-Armenja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru <sup>(2)</sup> f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat fisem il-Komunità fid-9 ta' Diċembru 2008 suġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/149/KE <sup>(3)</sup>.

(4) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa permezz ta' dan approvat fisem il-Komunità.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li tagħmel jew jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. ŠEBESTA

<sup>(1)</sup> L-Opinjoni tal-10.3.2009 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU).

<sup>(2)</sup> ĠU L 50, 21.2.2009, p. 22.

<sup>(3)</sup> ĠU L 50, 21.2.2009, p. 21.